# *L-Attakk fuq il-Kamp tal-Għadira 25 ta' April 1942*

***Jeffrey Sammut B.Ed. (Hons) History & E.M.Y***

Il-Mellieħa ftit li xejn sofriet attakki fit-Tieni Gwerra Dinjija. Waqgħu xi bombi 'l hemm u 'l hawn, ħafna minnhom fir-raba' u fix-xagħri. Ftit li xejn kien hawn x'jiġbed l-attenzjoni tal-għadu f'dawn l-inħawi. Mhux ta' b'xejn li ħafna refuġjati minn kull parti ta' Malta spiċċaw jgħixu fid-djar u anke ġol-għerien tal-madwar, basta jeħilsuha mill-qilla tal-għadu.

**Il-kamp tal-Għadira bħala post tat-taħriġ għas-Suldati**

F'Marzu tal-1942 ġie deċiż li l-kamp tal-Għadira jsir ċentru ta' taħriġ għas-suldati ġodda li ssieħbu mal-K.O.M.R (King's Own Malta Regiment). Instabuuffiċjali minn reġimenti oħra biex iħarrġu lil dawn ir-rekluti ġodda. Lieutenant Colonel H.D. Chaplin ħa taħt idejh it-tmexxija ta' dan il-kamp.

Fid-29 ta' Marzu bdew jaslu l-Għadira l-affarijiet neċessarji biex jitwaqqaf dan iċ-ċentu ta' taħriġ. Sa filgħaxija, l-inħawi tal-Għadira kienu mimlijintined. Dawn it-tined ġew imwaqqfa fuq pjattaformi ċatti tal-konkos li ġa kienu jeżistu fil-post. Is-suldati kellhom jieklu u jorqdu taħt dawn it-tined.

Fil-31 ta' Marzu waslu l-uffiċjali li kellhom iħarrġu lis-suldati tal-K.O.M.R. Wara nofsinhar, Lt. Col. Chaplin laqqa' lil dawn l-uffiċjali u kellimhom dwar it-taħriġ li kellu jsir. Qallhom li l-għada kellhom jaslu r-rekluti. Peress li kien bnazzi, din il-konferenza saret barra fil-miftuħ.




L-arma tal-K.O.M.R

F'daqqa waħda nstema' tvenvin ta' magni min-naħa taċ-Ċumnija. Feġġew żewġ ajruplani tal-ġlied MesserschmittBF 109's u bdew jisparaw fuq is-suldati miġbura. Kulħadd intefa' mal-art jistkenn mill-balal tal-machine guns, bl-imwejjed u karti jtiru ma' kullimkien. L-ajruplani baqgħu ħerġin fil-baxx għal fuq il-bajja tal-Mellieħa u l-uffiċjali qamu jfarfru t-trab minn fuq ħwejjiġhom. Ma kien intlaqat ħadd, ħlief xi tined li spiċċaw għarbiel imma ma tantx kien bidu tajjeb għal dan il-kamp, aktar u aktar meta tqis li lanqas biss kien għadu fetaħ uffiċjalment!

**Jitneħħew it-tined minħabba l-attakki**

L-għada filgħodu, siegħa qabel ma waslu s-suldati l-ġodda, żewġ ajruplani tal-ġlied Ġermaniżi reġgħu għodsu fuq il-kamp. Il-balal tal-kanuni nifdu aktar tined filwaqt li l-assistent ta'Chaplin ħelisha ħafif meta balla minnhom ħabtet pulzier biss il-bogħod minn qaddu. Lt. Col Chaplin induna li t-tined kienu qed jiġbdu l-attenzjoni tal-għadu u għalhekk iddeċieda li dawn kellhom jiżżarmaw. Is-suldati kellhom joqogħdu ġol-unika bini tal-ġebel li kien hemm, li kien mimli daqs bajda bl-istores. Għalhekk dan tbattal iżda peress li xorta ma kienx kbir biżżejjed għal kulħadd, xi uffiċjali u surġenti sabu post f'barrakki tal-injam li kien hemm iħarsu fuq il-bajja tal-Mellieħa.

Saru żewġ attakki oħra sakemm tneħħew it-tined kollha. Sadanittant l-uffiċjali tal-Kamp irmaw żewġ Bren Machine Guns biex iħarsu ftit il-kamp kif ukoll ġabu kanun Bofors ta' kontra l-ajruplani. Chaplin ordna li kull meta s-sirena tavża li kienu ġejjin l-ajruplani tal-għadu fuq Malta, kull taħriġ kellu jieqaf u s-suldati jistaħbew biex il-kamp ikun jidher vojt mill-ajru.

**L-attakk fuq il-kamp**

It-taħriġ tas-suldati l-ġodda beda miexi b'ritmu mgħaġġel sakemm sebaħ il-25 ta' April 1942. Għall-ħabta tas-sebgħa neqsin għoxrin ta' filgħodu, xi 13 JU88, 'bombers' Ġermaniżi, niżlu jittajjru fil-baxx fuq il-Mellieħa u fuq il-kamp. Dawn tefgħu ammont kbir ta' bombi 'incendiary' (bombi żgħar li jieħdu n-nar) kif ukoll bombi akbar 'High Explosive'. Il-kamp ġarrab ħsarat kbar. L-unika bini li kien hemm spiċċa mimli konsenturi.Tank kbir tal-ilma miżbugħ aħmar inqasam fi tnejn.[1]

Żewġ suldati, John Sammut (Private 51611) u Nazzareno Grech (Private 51573) mietu f'dan l-attakk[2]. Wieħed minnhom kien daħal jistkenn taħt it-tank tal-ilma fejn safa midrub gravi u għalkemm ittieħed l-isptar miet l-għada. Dakinhar miet suldat ieħor tal-K.O.M.R., Anthony Baldacchino (Private 51621) imma dan miet Ħal Qormi fejn kien jgħixu mhux fil-kamp.[3]

Peress li kien hemm biża' ta' xi attakk ieħor, suldat tqabbad joqgħod għassa biex jagħti s-sinjal bit-trumbetta jekk jara xi ajruplani resqin fil-viċin. Is-suldati l-oħrakienu għal-lest biex jaħarbu għall-kenn f'postijiet madwar il-kamp.

Għall-ħabta tan-nofs siegħa nstema' s-sinjal bit-trumbetta! Ħames ajruplani deħru resqin jittajru lejn il-kamp. Lt. Col. Chaplin u tmien suldati oħra, fosthom is-suldat li kellu jagħti s-sinjal, kellhom jiddeffsu ġo toqba taħt blokka tal-konkrit. Hekk sar ħlief li dak tat-trumbetta ma laħaqx wasal! Il-kamp sparixxa taħt il-bombi, duħħan u ramel itir. Dan l-attakk għamel ħerba sħiħa. Xi bombi faqgħu l-istores u l-uniformijiet, kalzetti, kutri u affarijiet oħra spiċċaw għad-dawl tax-xemx! Il-barrakki tal-injam spiċċaw ċatti mal-art. L-unika vittma kien is-suldat li bid-daqq tat-trumbetta kellu


WWW.LAVITTORIABANDCLUB.ORG



Ajruplan Junkers 88. Dawn tefgħu bombi fuq il-kamp tal-Għadira

javża li kien ġej attakk. Instab midrub f'dahru, mitluq mal-art għax ma laħaqx daħal għall-kenn. B'xorti tajba għalih, wara tmien ġimgħat l-isptar,seta' jerġa' lura ma' sħabu.
Iż-żejjed kollu żejjed! Ġie deċiż li l-kamp jiġi abbandunat. Is-suldati rikbu t-trakkijiet li ngħabu apposta u ttieħdu minn fuq il-post. U mnalla għax fis-sitta neqsin għoxrin ta' filgħaxija, 12 JU88 reġgħu attakkaw il-Kamp tal-Għadira u għamlu aktar ħsara fl-'istores' li kien fadal. Fortunatament, il-kamp kien issa vojt. Li kien baqa' mill-'istores' inġabar fil-ġranet ta' wara. Is-suldati tal-K.O.M.R sabulhom post temporanju fl-inħawi tal-Mellieħa. Uħud spiċċaw f'Għajn Baqrat, fuq ir-riħ tal-Għadira. Oħrajnħaduhom f'beachpost fejn il-Palazz tal-Marfa jew fil-beachpost taċ-Ċumnija waqt li l-oħrajnsabu kenn ġewwa kmajra tal-injam l-Armier. Iżda issa kien hemm problema biex dawn jitħarrġu flimkien, peress li kienu mferrxa 'l hemm u 'l hawn. Għalhekk f'Ġunju tal-1942 ittieħdu kollha Għawdex fejn setgħu jkomplu t-taħriġ fil-kwiet![4]



Salib li jfakkar lil Ġużepp Debono li nqatel minn ajruplan fl-inħawi tal-Kamp.

Però saru xi attakki oħra fl-inħawi tal-Kamp. F'wieħed minn dawn l-attakki, dak tat-30 ta' April 1942[5], ħalla vittma Mellieħi - Ġużepp Debono (ta' Stejfen,) li kien fl-għelieqi qrib il-Ħofra, l-Għadira, daħal jistkenn ġo bokka ta' għajn hekk kif ra l-ajruplani tal-għadu resqin. Dan minħabba l-fatt li hu kien zopp allura ma setax jasal fix-xelter kif ġieb u laħaq. Iżda wieħed mill-ajruplani tefa' bomba li radmitu fejn l-għajn. Tifkira tiegħu għadha tinstab f'ħajt tas-sejjieħ fil-viċin ta' fejn seħħ l-inċident[6]. Interessanti l-fatt li taħt is-salib hemm miktub li Ġużepp miet fl-1 ta' April 1942. Aktarx li dan is-salib sar ħafna wara li ġara l-inċident, allura d-data eżatt kienet ntesiet!

**Il-Kamp isir Sptar**

Interessanti li fl-istess ġurnata li ġie attakkat il-kamp tal-Għadira ġie wkoll ibbumbardjat l-Isptar 39 GH (General Hospital) ta' St Andrews. Dan ġie kważi meqrud għal kollox u peress li l-Kamp tal-Għadira ġie abbandunat, ġie deċiż li l-isptar jiġi mwaqqaf l-Għadira.
Dan l-isptar kellu jkun fih sa 330 tinda għall-morda u feruti. It-tined ġew armati fis-26 ta' Mejju 1942 imma maltempata kbira fid-19 ta' Ġunju wittietkollox. It-tined spiċċaw mfarrka u mferrxa ma' kullimkien! Anzi kien għadhom vojta! Dan wera li sptar bit-tined ma kienx jagħmel sens allura f'Lulju beda l-bini ta' tmien swali li kellhom jesgħu tliet mitt sodda. Inġabet magna li tqatta' l-ġebel u x-xogħol beda miexi ġmielu sakemm din ġratilha l-ħsara. Biex tgħaxxaqha, minkejja s-slaleb kbar impinġija mal-art biex juru li l-bini kien sptar, il-Ġermaniżi tefgħu xi bombi fuqu fit-18 ta' Ottubru 1942. Fuq ir-radju ddikjaraw li laqtu 'Wireless Station' importanti! Fl-aħħar, l-isptar fetaħ fl-14 ta' Marzu 1943. Dam sena miftuħ sat-8 ta' April 1944, fejn imbagħad għalaq biex mar Napli, l-Italja.[7]

**Ħsarat fir-raba' waqt l-attakk fuq il-Kamp**

Meta l-Maltin kienu jsofru ħsarat minħabba l-bombi tal-għadu kienu jitolbu kumpens lill-Gvern Ingliż. U hekk għamlu l-bdiewa Melleħin wara l-attakk tal-15 ta' April, 1942.
Bomba waqgħet viċin xi rziezet l-Għadira. Ġamri Mifsud (ta' Spir) saritlu ħsara f'24 xorok, 3 qasab bjut, 2 bibien u kellu wkoll xi konsenturi fil-bini għal ammont ta' spejjeż ta' £9.2.0. Karmnu Mifsud (ta' Kolin) kellu 43 xriek miksur, 7 qasab bjut li kellhom isiru ġodda u xi konsenturi fil-bini,




Mappa magħmula f' Lulju tal-1942 mis-Surġent Critchley li turi li l-isptarli ħa post il-kamp fl-Għadira kien għadu ma bediex jaħdem (http://www.maltaramc.com/)




Poster li juri kif għandek titfi bomba 'incendiary'

spejjeż ta' £16.0.0.
Marianna Mifsud (Tal-Guns), Franġisk Grima u Toni Borġ ukoll sofrew ħsara fil-bjut, bini u bibien. Ġanni Caruana, barra ħsara fil-bjut, kellu jibdel xi xorok fil-kamra tal-mutur kif ukoll tank tal-ilma li kellu jsir ġdid u bini mill-ġdid tal-għajn tal-ilma li nfaqgħet bil-blast tal-bombi.
Interessanti li fl-istess attakk iġġarraf ajruplan Ingliż fil-Qammiegħ. Dan tajjar xi kanali tal-ilma u waqqa' 7 qasbiet ħitan tas-sejjieħ. Bomba tal-għadu, li wkoll niżlet fl-istess biċċa art, qalgħet sitt bibien minn posthom. Is-sid tal-art talab kumpens ta' £6.10.0.[8]

**L-attakk u l-Melleħin**

Ħafna mill-Melleħin jiftakru sew dan l-attakk. George Fenech kien fl-għelieqi tiegħu f'Qasam Barrani meta daqqet is-sirena. Fil-pront ra xi ajruplani jittajru fil-baxx. Hu intefa' mal-art. L-ajruplani niżlu għal fuq il-kamp tal-Għadira, fetħu l-bibien li kellhom taħt u bdiet nieżla xita ta' bombi. Biċċiet ta' ħadid (shrapnel) bdew ivenvnu ma' kullimkien. John Mary Vella jirrakkonta kif waqt l-attakk fuq il-Kamp, ħafna bombi incendiaries waqgħu kemm fuq il-kamp kif ukoll fuq il-Mellieħa. Bomba minnhom niżlet fuq dar fi Triq il-Mitħna l-Ġdida, fejn faqgħet xi xorok waqt li oħrawaqgħet fuq dar faċċata ta' Triq il-Wied.
Alfred Vella kien ma' familtu u xi nies oħra jistkenn f'xelter faċċata ta' Ġnien Ingraw. Xi ħadd qalilhom li fil-bokka tax-xelter kien hemm bomba. Kulħadd twerwer! Ħadd ma ssogra joħroġ 'ilbarra. Ommu u missieru bdew jgħidu r-rużarju. Wara ftit waslu xi suldati li qalulhom li kienet biss bomba żgħira 'incendiary'. Bomba bħalha waqgħet fuq id-dar ta' nanntu fi Triq il-Mitħna il-Ġdida u qabdet imma l-ġirien tfew in-nar qabel saret ħafna aktar ħsara[9].
Ninu Caruana ta' 9 snin u ħuħ Nenu ta' xi 15-il sena (tat-Tupep) kienu qrib il-kamp waqt l-attakk. Huma daħlu jistkennu f'xelter li kien hemm ftit 'il fuq mill-Ħofra, l-Għadira. Issa dan Ninu kien qed iġemma' il-biċċiet tas-'shrapnel' u ġa kellu kollezzjoni ġmiela. F'daqqa waħda waqgħet biċċa ħadida mdaqqsa ftit il-bogħod mix-xelter u Ninu, li kien qed jara x'inhu jiġri mill-bokka tax-xelter, deherlu li dik kienet ideali għall-kollezzjoni tiegħu! Għalhekk, bla ma ħasibha xejn, ħareg jiġri fil-miftuħ biex jiġbor il-ħadida! Ajruplan Ġermaniz lemħu jiġri fil-beraħ u beda jispara fuqu iżda ħuh Nenu kien pront ħareġ jiġri għalih u kaxkru lura fix-xelter.[10]

**Jisparaw fuq ajruplan!**

Ġrajja kurjuża li seħħet ukoll dakinhar kienet meta Ninu Gauci (ta' Fonz), flimkien ma' ħabib tiegħukienu għall-kaċċa l-Irdum tal-Qammiegħ. Kien żmien il-gamiem. Imma dakinhar barra gamiemġew l-ajruplani Ġermaniżi jattakkaw il-Kamp tal-Għadira. Hekk kif semgħu s-sirena u t-tfaqqigħ tal-kanuni, Ninu u sieħbu daħlu jistkennu fil-bokka ta' għar taħt ix-xifer. U kif kienu hemm lemħu xi ajruplani tal-għadu resqin lejhom jittajru fil-baxx.
Dawn malajr fettlilhom li jisparaw fuq ajruplan. Allura mmiraw fuq wieħed u tawh erba' tiri! Dan l-ajruplan bidel id-direzzjoni f'daqqa u huma bilkemm ma ħasbux li kien ser jaqa'! Imma ma kienx hekk. Kien pront dar lejhom u f'daqqa waħda l-għar intela' b'balal iwerżqu u jvenvnu ma' kullimkien. L-ajrupjan beda jispara fuqhom u ma ried jitlaq b'xejn! Imnalla kien hemm bokka fil-ġenb tal-għar fejn daħlu jistkennu għax kieku kienu jibqgħu t-tnejn tal-post![11]

**Konklużjoni**

L-attakk fuq il-Kamp tal-Għadira kien l-eħrex attakk li sar matul it-Tieni Gwerra Dinjija fuq il-Mellieħa. Minkejja li l-Mellieħa ma sofrietx bħal postijiet oħra, il-gwerra xorta ħalliet it-timbru tagħha fuqha. Il-pillboxes, beachposts, 'barbed wire' fix-xagħri, kif ukoll il-memorja ta' dawk li għexuha huma xhieda ta' dan. Filwaqt li nittamaw li żmien ikraħ bħal dak ma jerġa' jiġi qatt, huwa tajjeb li nfakkru lil dawk li batew u mietu biex aħna llum nistgħu ngħixu ħajja ħielsa.

**Riferenzi**

1 Chaplin H. D (1951) '*When K.O.M.R. depot was bombed*' in The Sunday times of Malta 22nd April 1951.
2 Vella Philip (2001) Malta Blitzed but not Beaten Progress Press Company Ltd pg 298
3 http://website.lineone.net/~stevebidmead/soldiers.htm
4 Chaplin H. D (1951) op. cit
5 Muscat Jimmy (2015) Il-Mellieħa – Lemħa Lejn Ġrajjietha Printit Ltd
6 Intervista mal-Arċipriet tal-Mellieħa Fr Joe Caruana u is-sur Jimmy Muscat.
7 http://www.maltaramc.com/ramcoff/1940_1949/ramcoff1942.html
8 '*Damages in Govt Tenements at Mellieha Districtby Enemy bombs*' – Ernest Vella's private collection.
9 Debono Charles (2014) Wartime Mellieħa Vol 1.Mellieha Local Council pg 46-48
10 Intervista mal-Arċipiet tal-Mellieħa Fr Joe Caruana.
11 Intervista ma' Ninu Gauci.